31993R2291

18.8.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 206/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2291/93
# tat-13 ta' Awissu 1993
# li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 fuq it-tariffa u n-nomenklatura statistika u fuq it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1969/93 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi biex tassigura l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, hija neċessarja l-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid subdiviżjonijiet oħra magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, b'ħarsa lejn l-applikazzjoni tat-tariffa jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, il-merkanzija deskritta f'kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandha tkun ikklasifikata skond il-kodiċi approprjat NM indikati f'kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti f'kolonna 3;

Billi huwa xieraq li l-informazzjoni dwar it-tariffi vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma tkunx konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, tista' tibqa tiġi użata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3], kif emendati bir-Regolament (KEE) Nru 2674/92 [4], għall-perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk kuntratt vinkolanti ġie konkluż kif mitlub fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tarr-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [5];

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti f'kolonna 1 tat-tabella annessa issa huma ikklassifikati taħt in-nomenklatura magħquda skond il-kodiċi approprjat NM indikati f'kolonna 2 tat-tabella msemmija.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni dwar it-tariffi vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma taqbilx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tibqa tiġi użata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għall-perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk kuntratt vinkolanti ġie konkluż kif mitlub fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 180, tat-23.7.1993, p. 9.
(3) ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
(4) ĠU L 271, tas-16.9.1992, p. 5.
(5) ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Awissu 1993.

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

| Deskrizzjoni | Klassifikaz-zjoni Kodiċi NM | Raġuni |
|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 |
| 1. Prodott semi-likwidu b'togħma ta' yoghurt magħmul minn ħalib fermentat u polpa tal-berquq, zokkor, stabbilizzanti u aġenti li jgħaqqdu (lamti modifikati, pektin u ġelatina li tammonta għal inqas minn 1.8 % ta' l-użin totali), b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' inqas minn 3 % ta' l-użin<br><br>Eżami mikroskopiku wera il-mikrobi *streptococcus thermophilus* u *lactobacillus bulgaricus* f'rapport ta' madwar 1: 1, dawn ġew maqtula permezz ta' trattament ultra-jaħraq tal-prodott | 0403 90 91 | Il-klassifikazzjoni skond ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 0403, 0403 90 u 0403 90 91.<br><br>Il-preżenza ta' kwantitajiet żgħar ta' stabbiliżżanti u aġenti li jgħaqqdu ma teskludix il-klassifikazzjoni fit-titolu 0403 (ara wkoll in-Noti li jispjegaw is-Sistema Armonizzata għall-Kapitolu 4: it-tieni paragrafu ta' Parti 1 tat-Taqsima Ġenerali)<br><br>In-nuqqas ta' mikrobi teskludi l-klassifikazzjoni fil-kodiċi NM 0403 10 (ara wkoll in-Noti li jispjegaw NM għas-subtitoli 0403 10 02 għal 0403 10 99). |
| 2. Trab kannella ċar miksub wara t-tnixxif biċ-ċilindru ta' taħlita tal-ħalib, qamħ u zokkor, bi granelli kannella individwali, b'tendenza li jiffurmaw boċoċ, ħelu u b'togħma ta' ħalib tat-trab u karamella, b'riżultati analitiċi kif ġej skond il-% ta' l-użin<br>— materja xotta 97,2<br>— total ta' xaħam (xaħam talħalib) 23,5<br>— total ta' proteina (N × 6,38): 20,4<br>— sukros 1,8<br>— lattosju 44,6<br>— kaseina 17,1<br>— sustanza ħelwa tal-ħalib (GMP) traċċa<br><br>Minħabba t-temperatura għolja fil-proċess ta' manifattura, iz-zokkrijiet huma ikkaramelliżżati u l-proteini parzjalment degradati | 0404 90 53 | Il-klassifikazzjoni hija iddeterminata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bit-tħaddim tal-kodiċi NM 0404, 0404 90 u 0404 90 53<br><br>Minkejja d-degredazzjoni parzjali tal-proteini u l-karamellizzazzjoni taz-zokrijiet, dan il-prodott ma tilifx il-karatteristika ta' prodott naturali tal-ħalib kif imfisser fit-titolu 0404 |